MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 760/1995/2

**Robert Grech**

**vs**

**Herbert Sammut u b'nota tas-16 ta' Awissu, 1995, Mario Sant assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju tal-assenti Herbert Sammut**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi fid-29 ta' Novembru, 1993 ghall-habta tat-8 p.m f'St Teresa Street, Cospicua waqt li l-istanti kien ghaddej bil-motor cycle Suzuki numru P-1216 hu kien involut

f'kollizjoni mal-Land Rover numru K-8817 misjuqa mill-konvenut;

Illi dan l-incident gara imhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li, bla pre-avviz, qabad u kiser minn pozizjoni fuq ix-xellug tat-triq lejn il-lemin tieghu (fejn hemm double continuous white line) u ostakola l-passagg ta' l-attur li kien qed jibda manuvra ta' sorpass fuq in-naha tajba tat-triq;

Illi bhala rizultat ta' dan l-incident l-attur korra serjament u kien sahansitra fil-perikolu tal-mewt (tant li saret Inkjesta Magisterjali), u issa qed isofri minn debilitazzjoni permanenti kif jirrizulta mir-rapport mediku konguntiv rilaxxjat minn Mr Charles J Grixti, MD FRCS u Mr Charles Swain, MD, FRCS (Dok 'A');

Illi l-attur qed jitlob li jinghata kumpens ghad-danni li sofra, komprizi telf ta' paga, telf ta' qligh futur, u hsarat materjali fil-motor cycle numru P-1216, imma l-konvenut baqa' inadempjenti;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex: -

m'ghandux jigi dikjarat u deciz li l-incident stradali li gara bejn il-partijiet f'St Teresa Street, Cospicua fid-29 ta' Novembru, 1993 gara unikament b'tort u htija tal-konvenut li wera traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku fil-konfront ta' l-attur;

m'ghandhomx jigu likwidati d-danni li sofra l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident;

m'ghandux il-konvenut jigi ikkundannat li jhallas lill-attur l-ammont ta' danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-11 t'Ottubru, 1994 u dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-10 t'April, 1995, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-assikuraturi tal-konvenut (prezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni) u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi il-habta in kwistjoni ma gratx tort tal-konvenut imma tort tal-attur innifsu, li ghamel manuvra ta' sorpass, fejn ma kienx mistenni minnu li jaghmilha, u bla ma ikkoordina il-manuvra tal-mutur tieghu ma dak tal-vettura tal-eccipjent li kienet quddiemu;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-31 ta' Ottubru 1995 li bih gew nominati l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bhala perit legali u Mr. Charles Sciberras bhala espert mediku biex jassisti lill perit legali u dana bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat ir-relazzjoni tal-pabbli perit legali debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 1998;

Rat ir-rapport tal-abbli espert mediku debitament konfermat bil-gurament fit-22 ta' Ottubru 1998;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-5 ta' Marzu 1999 li bih gew nominati bhala periti addizzjonali l-Avukat Dottor Joe Micallef Stafrace, Mr. Charles Grixti u Mr. Ray Gatt bil-fakoltajiet kollha soliti;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tal-17 ta’ Mejju 1999 li bih gew sotitwiti l-periti addizzjonali Dottor Joe Micallef Stafrace u Mr. Charles Grixti u gew noiminati minnflok l-Avukat Dottor Joseph Buttigieg u Mr. James Casha bl-istess fakoltajiet;

Rat ir-relazzjoni tal-perit addizzjonali l-Avukat Dottor Joseph M. Buttigieg u r-rapport tal-perit addizzjonali l-ohra;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jippremetti li fid-29 ta’ Novembru 1993 ghall-habta tat-8 p.m f’St Teresa Street, Cospicua sehh incident stradali li fih huwa kien involut waqt li kien ghaddej bil-motor cycle Suzuki numru ta registrazzjoni P-1216. Kien involut f’dan l-incident ukoll il-konvenut li kien qed isuq Land Rover numru ta’ registrazzjonio K-8817. L-attur jippremetti ukoll li dan l-incident sehh unikament tort tal-konvenut li, bla ma ta’ pre-avviz, qabad u kiser minn pozizjoni fuq ix-xellug tat-triq lejn il-lemin tieghu fejn hemm double continuous white line. B’hekk il-konvenut ostakola l-passagg ta’ l-attur li kien qed jibda manuvra ta’ sorpass fuq in-naha tajba tat-triq;

L-attur jippremetti ukoll li bhala rizultat ta’ dan l-incident huwa sofra  minn debilita’ permanenti u b’hekk l-attur qed jitlob li jigi kumpensat ghad-danni kollha li sofra, inkluz telf ta’ paga, telf ta’ qligh futur, u hsarat materjali fil-motor cycle. Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi dikjarat li l-incident stradali in kwestjoni gara unikament b’tort tal-konvenut, li jigu likwidati d-danni kollha sofferti minnu bhala rizultat ta’ dan l-incident u li l-konvenut jigi kundannat ihallas id-danni hekk likwidati;

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-habta in kwistjoni grat tort tal-attur, li ghamel manuvra ta' sorpass, fejn ma kienx mistenni minnu li jaghmilha, u bla ma ikkoordina il-manuvra tal-mutur tieghu ma dak tal-vettura tal-eccipjent;

Fil-kors ta' din il-kawza gew nominati perit legali u espert mediku biex jassisti lill perit legali. Gew ukoll nomnati periti addizzjonali u cioe avukat u zewg tobba;

Mill-provi jirrizulta li fid-29 ta' Novembru, 1993 ghall-habta tat-8 p.m. sehh incident stradali fi Triq Santa Teresa Cospicua. Involuti f'dan l-incident kien hemm l-attur li kien qed isuq mutur tal-marka Suzuki numru ta' registrazzjoni P-1216 u l-konvenut li kien qed isuq Land Rover numru ta' registrazzjoni K-8817. Iz-zewg vetturi kienu sejrin fl-istess direzzjoni u cioe fid-direzzjoni ta' Gavino Gulia Square lejn Santa Margherita Hill. Il-mutur kien wara l-Land Rover. F'hin minnhom il-konvenut beda jdur biex jaqsam il-karreggjata minn fejn kien ghaddej u jidhol fil-karreggjata l-ohra cioe' minn fejn kien ghaddej it-traffiku fid-direzzjoni opposta. Propju dak il-hin l-attur ittanta jissorpassa l-konvenut u hemmhekk sehh l-incident in kwestjoni;

L-abbli perit legali kkonsidra li jirrizulta li l-konvenut dawwar il-vettura tieghu immedjatament wara li xeghel l-indicator meta zgur li kellu l-obbligu li jieqaf qabel jibda l-manuvra li ried jghamel. Inoltre meta ghamel din il-manuvra l-konvenut dawwar fejn appuntu hemm linji kontinwi u ghalhekk huwa ma setax jghamel l-istess manuvra. Il-fatt li il-konvenut kien di gia fin naha l-ohra tat-triq meta sehhet il-kollizjoni hu irrilevanti ghal finijiet ta' din il-kawza u ma jesonorahx mir-responsabilita' ghall incident. Il-perit legali kkonsidra ukoll li l-attur ma kellux responsabilita' f'dan l-incident u l-velocita' li biha kien ghaddej l-istess attur ma kienitx il-kawza prossima tal-incident. Ghalhekk il-perit legali kkonkluda li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall incident;

Fir-rigward tal-likwidazzzjoni tad-danni l-perit legali kkonsidra li l-espert mediku ffissa r-rata ta' 15% ghar-rigward tat-disabilita' li sofra l-konvenut. Huwa bbaza fuq

paga netta ta’ Lm2661 fis-sena u fuq working life expectancy ta’ tletin (30) sena billi l-attur fil-hin tal-incident kellu 25 sena. Ghalhekk il-perit legali, f’dan ir-rigward, illikwida l-ammont ta’ Lm11,974.50 u sussegwentement naqqas ghoxrin fil-mija (20%) bhala lump sum payment u ghalhekk baqa Lm9579.60. Il-perit leagli inoltre kkalkula li l-attur tilef Lm1586.90 bhala qliegh minhabba li kien nieqes mix-xoghol sakemm fieq. Ghalhekk id-danni kollha gew likwidati fis-somma komplessiva ta’ Lm11,166.50;

Il-perit addizjonali l-Avukat Dottor Joseph M. Buttigieg ikkonkluda li huwa jaqbel ma dak li kkonkluda l-perit legali dwar il-kawza prossima tal-incident. Fil-fatt lill-istess perit addizzjonali rrizultalu li l-konvenut ma kellux id-dritt li jghamel il-manuvra li ghamel peress illi, biex ghamel hekk, kiser il-linji kontinwi tat-triq;

L-istess perit addizzjonali pero’ kkonkluda ukoll li ghad-danni kkagunati bhala rizultat tal-incident m’ghandux jahti biss il-konvenut, billi irrizultalu ukoll li l-velocita tal-attur kienet teccedi l-limitu permess fit-triq fejn gara l-incident u din il-velocita eccessiva zgur ikkontribwiet ghall-entita tad-danni li l-istess attur sofra fl-incident. Huwa ghalhekk ikkonkluda li r-responsabbilta ghall-incident ghandha tigi ripartita bejn iz-zewg kontendenti. Ovvjament ir-responsabbilta magguri hija tal-konvenut li ghandu jgorr disghin fil-mija (90%) tar-responsabilita’ ghad-danni, mentri l-attur ghandu jigi akkollat b’ghaxra fil-mija (10%) tal-istess responsabilita;

L-istess perit addizzjonali kkonkluda li l-ispejjez inkorsi mil-attur jammontaw ghal Lm50 (hamsin lira maltija). Inoltre l-attur tilef f’paga, overtime u allowances sakhemm fieq is-somma ta’ Lm1,586.90,4. L-istess perit addizzjonali kkonsidra li l-periti addizzjonali l-ohra kkonkludew li d-dizabilita permanenti sofferta mill-attur hi ta’ ghaxra fil-mija (10%). Wara konsiderazzjonijiet fit-tul il-perit addizzjonali ha bhala paga bazi s-somma ta sebghin liri maltin (Lm70) fil-gimgha. Hu deherlu ukoll li l-perit legali kien korrett meta adotta multiplier ta’ tletin (30) sena. Rigward it-tnaqqis li solitament isisr minhabba l-lump sum payment, il-perit addizzjonali kkonkluda li dan it-tnaqqis ghandu jkun

ta' ghaxra fil-mija (10%). Dan kollu wassal sabiex il-perit addizzjonali llikwida l-ammont ta' Lm8,845. Ma dan l-ammont irid jizdied it-telf mill-qliegh sakhemm l-attur fieq u cioe Lm1587 u l-ammont ta' Lm50 bhala spejjez ta' certifikat medku. Id-danni kollha ghalhekk ghandhom jigu likwidati fis-somma komplessiva ta' Lm10482 (ghaxart elef, erba mija u tnejn u tmenin lira maltija);

Il-Qorti esaminat bir-reqqa r-relazzjoni u r-rapport tal-abbli periti addizzjonali u hasbet fit-tul dwar il-konkluzjonijiet kollha raggunti mill-istess periti addizzjonali. Il-Qorti taqbel mal-kostatazzjonijiet kollha u mal-konkluzjonijiet kollha li ghamlu u li wasslu ghalihom l-istess periti addizzjonali. Ghalhekk dawn qed jigu adottati u l-Qorti tghamillhom taghha. Ghalhekk taqbel ukoll kif gew likwidati d-danni mill-istess periti addizzjonali. Ma jirrizulta xejn li jista jgieghel il-Qorti tvarja jew tbiddel l-imsemmija konkluzjonijiet;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tiddikjara li l-incident stradali li gara bejn il-partijiet f'St Teresa Street, Cospicua fid-29 ta' Novembru, 1993 gara principalment tort u htija tal-konvenut u dana kwantu ghal disghin fil-mija (90%) tar-responsabilita' kollha, tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, tenut kont tal-persentagg tar-responsabilita' tal-konvenut, fis-somma komplessiva ta' ghaxart elef, erba mija u tnejn u tmenin lira maltija (Lm10,482) u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm10,482 in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha jithallsu kwantu ghal disghin fil-mija (90%) mill-konvenut u kwantu ghar-rimanent ghaxra fil-mija (10%) mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------